KUNSILL LOKALI TAL-IMTARFA

**MINUTI**

**Laqgħa tal-Kunsill Lokali tal-Imtarfa**

# SITT LEĠIŻLATURA

## Laqgħa Numru 63

**It-Tnejn 10 ta' April 2017**

Il-Kunsilli Lokali tal-Imtarfa ltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fit-*Town Centre*, Triq ir-Reġimenti Maltin, l-Imtarfa fis-7:30 ta' filgħaxija.

**PREŻENTI:**

Daniel John Attard – Sindku
Antoine Vella – Viċi Sindku
Simon Paul Fenech – Kunsillier
Anthony Mifsud – Kunsillier
Helen Bugeja – Kunsillier

**ASSENTI B'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A (3):**

**ASSENTI**

**UFFIĊJAL PREŻENTI:**

Josette Micallef – Segretarju Eżekuttiv

## Minuti

Is-Sindku Daniel John Attard ippresjeda l-laqgħa.

## 63.1 Qari tal-ittri ta' apoloġiji

63.1.1 Ma kienx hemm ittri ta' apoloġiji.

## 63.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti

63.2.1 Is-Segretarju Eżekuttiv (SE) ippreżentat il-minuti tal-laqgħa preċedenti li kienu meqjusa moqrija.

63.2.2 Il-Kunsillier Mifsud propona l-approvazzjoni tal-minuti. Il-Viċi Sindku ssekonda. Kien hemm qbil b'mod unanimu fost il-Kunsilliera preżenti u għaldaqstant il-minuti ġew iffirmati mis-Sindku u mis-SE.

## 63.3 Kommunikazzjoni mis-Sindku

63.3.1 Is-Sindku ġibed l-attenzjoni dwar xogħlijiet tal-kuntratturi varji fosthom tas-*soft areas*, tal-iskart goff u tal-knis li jidher li mhux ikunu wisq effettivi f'xogħlhom. Il-Kunsillier Mifsud appoġġa lis-Sindku dwar dan filwaqt li l-Viċi Sindku kkonferma dan kollu wkoll. Kien hemm qbil li s-SE għandha tibda toħroġ id-*defaults* lil dawn il-kuntratturi meta tara nuqqasijiet min-naħa tagħhom.

63.3.2 Is-Sindku informa li kien se jsir *clean up* fil-bosk il-kbir. Is-Sindku kien se jikteb lill-entitajiet u lill-*Cleansing Directorate* biex jgħin. Kien hemm qbil li għandu jintalab il-permess tal-Awtorità tad-Djar biex isir it-tindif minħabba li din iz-zona m'hijiex responsabbiltà tal-Kunsill Lokali.

63.3.3 Is-Sindku informa li fir-rigward tal-proġett tal-binja tal-karnival, huwa u s-SE kienu ltaqgħu ma' rapprezentanti ta' *The Blue Lotus Foundation*, għaqda ta' voluntiera, fejn dawn għaddew proposta għaz-zona kollha tal-Karnival u talbu lill-Kunsill biex jappoġġjahom. Huwa informa li kien talabhom *visuals* u pjanijiet gkatar konkreti izda sal-ġurnata dawn kienu għadhom ma waslux. Il-Kunsillier Fenech informa li hu ma jaqbilx ma' din l-idea għaliex jaqbel li din il-binja għandha tkun allokata lill-Kunsill. Il-Kunsillier Mifsud qabel mal-opinjoni tal-Kunsilier Fenech u ssuġġerixxa li l-Kunsill jidħol għad-devoluzzjoni tagħha. Is-Sindku informa li l-Kunsill m'għandux ir-rizorsi meħtieġa għar-restawr u l-manutenzjoni tagħha u għaldaqstant talab lill-Kunsill sabiex jistenna li jgħaddilhom aktar informazzjoni dwar din il-proposta qabel tittieħed ebda deċizjoni.

63.3.4 Is-Sindku staqsa lis-SE dwar ix-xogħlijiet li kellhom jgħaddu l-periti. Is-SE infurmat li sal-ġurnata dawn kienu għadhom m'għaddewlha xejn ħlief kwotazzjonijiet oħra u għamlu xogħol ieħor fuq l-applikazzjoni tat-torri. Il-Kunsill qabel li sal-laqgħa li jmiss jixtiequ li jkollhom kopja tal-proposti kollha.

## 63.4 Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Kunsillieri

63.4.1 *Il-Kunsillier Fenech: Biex tingħata informazzjoni dwar problema ta' ilma tax-xita fi Triq l-Imtarfa:*
Is-SE infurmat li kienet marret fuq il-post mal-Perit fejn ġie kkonfermat li hemm zewġ postijiet li jieqaf l-ilma u li biex tiġi eliminata l-problema hemm bzonn li tinqala' l-parti d-dejqa kollha min-naħa sa naħa u jitpoġġa *culvert* max-xaqliba tal-Imdina. Biex isir il-*culvert* u l-kisi mill-ġdid taz-zona, l-ispiza tlaħħaq kwazi €18,000. Kien hemm qbil li l-Kunsill ma jistax jagħmel dan ix-xogħol din is-sena.

63.4.2 *Il-Kunsillier Fenech: Biex tingħata informazzjoni dwar problema ta' ilma tax-xita fi Triq San David:*
Is-SE infurmat li kienet marret għal spezzjoni mal-Perit ukoll fejn ġie kkalkulat li biex tinqala' mill-ġdid din il-parti tat-triq u jsir il-kisi tagħha, l-ispiza titla' għal madwar €4316.

Hawnhekk waslet il-Kunsillier Bugeja. Il-ħin kien it-8:15pm. Il-Kunsill qabel li għandu jistenna l-pjanijiet u kwotazzjonijiet mingħand il-periti għal xogħlijiet oħra qabel jieħu ebda deċizjoni għaliex il-prioritajiet tal-Kunsill huma pjuttost differenti.

63.4.3 *Il-Kunsillier Fenech: X'inhi l-ispiza biex titwaħħal crash barrier ħdejn il-bandli?*
Is-SE infurmat li biex tinxtara u tiġi installata *crash barrier* ta' 5 metri, l-ispiza titla' għal €613.60. Il-Kunsill qabel li titwaħħal.

63.4.4 *Il-Kunsillier Fenech: Biex tingħata informazzjoni dwar l-isprall għal Triq Sir Leslie Rundle:*
Is-SE infurmat li wara spezzjoni mal-kuntrattur u l-Perit kienhemm qbil li jista' jsir sprall u jsir ilqugħ aktar 'l isfel fil-pjazza biex l-ilma ma jidħolx fil-binja. Dan ix-xogħol kien ilaħħaq id-€928.94. Hija infurmat li għalkemm mhux għalja, wieħed kellu jevalwa jekk hux ta' min jagħmel din l-ispiza meta min-naħa tal-Gvern Ċentrali kienu aċċettaw li jqabbdu l-*culverts* li hemm fi Triq Sir Leslie Rundle mal-ġibjun tal-ġnien sabiex ikun hemm aktar ilqugħ ta' ilma minħabba li bħalissa l-Kunsill qed jonfoq ħafna flejjes zejda f'xi ta' ilma għat-tisqija. Il-Kunsill qabel li l-culverts huma 'l bogħod wisq minn dan ix-xogħol. Min-naħa l-oħra ġiet mitluba terġa' titlob emenda fil-kwotazzjoni minħabba li skont il-Kunsillier Fenech l-isprall għandu jkun f'post differenti minn fejn ġie indikat.

## 63.5 Talba għal kwotazzjonijiet lill-periti għal xogħlijiet diversi madwar il-lokalità

63.5.1 Is-SE infurmat li l-periti kienu baqgħu ma għaddewx il-pjanijiet u l-kwotazzjonijiet meħtieġa. Min-naħa l-oħra hiija infurmat li fil-prezent kien qed isir ħafna xogħol fuq il-pjan tar-restawr tal-arloġġ u l-bini tal-*interpretation centre*.

## 63.6 Installazzjoni ta' *clothes bank*

63.6.1 Is-SE infurmat li kienet irċeviet talba sabiex tiġi installata *clothes bank* ġewwa l-lokalità. Il-Kunsill ma qabilx li għandha tiġi aċċettata sabiex ma jkunx hemm problemi ta' ħmieġ ieħor fil-viċin.

## 63.7 Immaniġġjar ekoloġiku tal-bosk

63.7.1 Is-SE infurmat li kienet iltaqgħat ma' persuna li għadha kif gradwat fil-Baċellerat tax-Xjenza fejn dan kien wera l-interess li jieħu ħsieb tal-immaniġġjar ekoloġiku tal-bosk. Kien hemm qbil li dan il-persuna għandu jingħata ċans jaħdem f'dan l-ambitu għal mhux aktar minn 4.5 sigħat fil-ġimgħa għal ftit xhur u mbagħad tittieħed deċizjoni dwar jekk għandux jinzamm. Il-Kunsill qabel li għandu jattendi għal-laqgħa tal-Kunsill li jmiss u jispjega aktar dwar il-programm tax-xogħol li qed jirrakkomanda għal din iz-zona.

## 63.8 Ġemellaġġ ma' Pumpherston fl-Iskozja

63.8.1 Is-Sindku informa li hu u s-SE kienu għaddejjin bil-preparamenti sabiex il-Kunsill jilqa' l-kontinġent Skoċċiz madwar ħmistax wara. Huwa informa li kien hemm programm interessanti ħafna u li s-SE kienet se tgħaddi kopja tiegħu lil kull Kunsillier.

63.8.2 Huwa fakkar li d-dati li se jkunu mit-Tlieta 25 ta' April sat-Tlieta 2 ta' Mejju filwaqt li s-serata tal-ġemellaġġ se tinzamm nhar is-Sibt 29 ta' April.

63.8.3 Huwa informa li kull Kunsillier huwa mistieden jattendi għall-attivitajiet kollha għal kull ġurnata. Min-naħa l-oħra, minħabba restrizzjonijiet finanzjarji huwa rrakkomanda li kull Kunsillier jattendi għal ikla wahda apparti l-ikla tal-ġemellaġġ u l-bbq li se jiġi organizzat għall-*farewell*.

## 63.9 Applikazzjoni għall-fondi tal-ERDF għar-restawr tat-torri tal-arloġġ u bini ta' *interpretation centre*

63.9.1 Is-SE infurmat li bħalissa, bl-għajnuna tal-MEUSAC u bil-kollaborazzjoni tal-periti u l-*accountant* hija kienet qed taħdem ukoll fuq l-applikazzjoni għall-fondi tal-ERDF li kienet se tagħlaq dalwaqt. Hija infurmat li s'issa l-istima kienet telgħet 'il fuq minn €550,000, li tfisser li l-20% se jitla' aktar minn €100,000.

63.9.2 Hija infurmat ukoll li l-periti kienu ssottomettew zewġ applikazzjonijiet mal-MEPA, waħda għar-restawr tal-arloġġ inniffsu u oħra għat-twaqqigħ tal-kamra tal-periti u bini mill-ġdid ta' struttura biex takkomoda *interpretation centre* u *arts hub*. Hija infurmat ukoll li l-latrini se jiġu rilokati mal-istess *interpretation centre* u għaldaqstant jiġu aċċessibbli għal kulħadd filwaqt li dawk prezenti se jinbidlu f'ġibjun għall-ilma. Hija infurmat li issa x-xogħol tal-applikazzjoni qiegħed fl-aħħar stadju.

## 63.10 Talba għal grada fl-isqaq li jagħti għal wara Triq Gregorio Carafa

63.10.1 Is-Sindku informa li kellu talba sabiex titwaħħal grada fl-entratura tal-isqaq li jagħti għal wara l-bini ta' Triq Gregorio Carafa, simili għal dik li ġiet imwaħħla ħdejn ix-xelter tal-gwerra. Il-Kunsill qabel ma' din il-proposta.

## 63.11 Kommunikazzjonijiet min-naħa tal-President tar-Reġjun Tramuntana, rapprezentant tal-Kunsill

63.11.1 Il-Kunsillier Mifsud informa li l-Kunsilli ta' Pembroke u Had-Dingli ma kinux aċċettaw li jiffurmaw parti mill-grupp ta' Kunsilli li se jingħaqdu f'daqqa sabiex ikun hemm kuntrattur wieħed li jieħu ħsieb il-manutenzjoni tad-dawl tat-toroq.

63.11.2 Huwa informa wkoll li bħala reġjun qed jesplora l-possibbiltà wkoll li jinħareġ kuntratt wieħed għall-Kunsilli kollha fir-reġjun tramuntana sabiex jinġabar l-iskart domestiku. Huwa qal ukoll li 'l quddiem hemm possibbiltà li dawn il-kuntratti jinfirxu wkoll fuq servizzi ta' perizja u *accountants* fost oħrajn.

## 63.12 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti

63.12.1 Il-Kunsill approva l-lista tal-pagamenti, kopja tagħha mehmuza. Il-lista tal-pagamenti ġiet iffirmata mill-Viċi Sindku u mis-SE.

## 63.13 Mozzjonijiet

63.13.1 Is-SE infurmat li ma kienx hemm mozzjonijiet.

## 63.14 Tmiem tal-Laqgħa u data tas-seduta li jmiss.

63.14.1 Il-laqgħa intemmet fid-8:50pm u ġiet aġġornata għall-Ħamis 4 ta' Mejju 2017 fis-7:30pm.

Konfermati, illum 4 ta' Mejju 2017.

**IFFIRMATA**
Daniel John Attard
Sindku

**IFFIRMATA**
Josette Micallef
Segretarju Eżekuttiv